Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 10 ta' Marzu 2023
(OR. en)

13683/1/22
REV 1

CO EUR-PREP 26
POLGEN 136
ECOFIN 1046
SOC 569
EMPL 390
EDUC 346
COMPET 802
MI 751
ENV 1031
IND 415

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Semestru Ewropew 2023<br>- Pjan direzzjonali aġġornat |

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-pjan direzzjonali tas-Semestru Ewropew, kif imħejji mill-Presidenza.

Il-Presidenza ħejjiet dan il-pjan direzzjonali biex tiddeskrivi l-passi ewlenin taċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew 2023.

L-objettiv tal-pjan direzzjonali huwa li jiġi żgurat li l-konfigurazzjonijiet rilevanti kollha tal-Kunsill u l-korpi preparatorji tagħhom jaħdmu b'mod koordinat u konsistenti lejn tħejjija fid-dettall tad-dibattiti tal-Kunsill Ewropew dwar is-Semestru Ewropew u biex il-Coreper u l-Kunsill Affarijiet Ġenerali jkunu jistgħu jissorveljaw il-proċess.

Il-pjan direzzjonali huwa maqsum f'żewġ fażijiet: l-ewwel, f'aktar dettall, ikopri l-perjodu sal-Kunsill Ewropew ta' Marzu, u t-tieni, aktar indikattiv, ikopri l-perjodu bejn il-laqgħat tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu u Ġunju 2023.

**L-EWWEL FAŻI**

**Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Marzu**

**15 ta' Ottubru 2022**

– Preżentazzjoni tal-abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji mill-Istati Membri taż-żona tal-euro

**17 ta' Ottubru 2022: Kunsill Agrikoltura u Sajd**

– Sfidi ewlenin fil-qasam tal-impjiegi: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Impjiegi abbażi tar-Rapport Annwali dwar il-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi u l-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni fil-Qasam tal-Impjiegi - *approvazzjoni*

– Sfidi soċjali ewlenin: Messaġġi ewlenin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali – *approvazzjoni*

**21 ta' Novembru 2022: Kunsill Agrikoltura u Sajd**

– Deċiżjoni tal-Kunsill dwar linji gwida għall-politiki dwar l-impjiegi tal-Istati Membri (Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 148(2) TFUE) - *adozzjoni*

**22 ta' Novembru 2022: Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew tal-2023**

– Adozzjoni mill-Kummissjoni tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli, ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, ir-rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, u l-proposta għal Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi

– Adozzjoni mill-Kummissjoni tal-opinjonijiet dwar l-abbozz ta' Pjanijiet Baġitarji għall-Istati Membri taż-żona tal-euro

**L-aħħar ta' Novembru 2022**

Immedjatament wara l-pubblikazzjoni ta' rakkomandazzjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, huma kkonfermati t-tqassim tax-xogħol u l-arranġamenti għall-koordinazzjoni bejn il-kumitati, kif ukoll il-metodi għall-konsolidazzjoni tal-fehmiet tal-kumitati

**L-aħħar ta' Novembru, nofs Diċembru 2022**

– Il-kumitati (Kumitat tal-Politika Ekonomika fil-format tal-Grupp tal-Euro, Grupp ta' Ħidma tal-Grupp tal-Euro - Supplenti) iħejju l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro, inkluż il-kontribut konġunt li jkopri l-aspetti soċjali u tal-impjiegi mill-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali

**5 ta' Diċembru 2022: Grupp tal-Euro**

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

– Valutazzjoni tal-abbozzi tal-Pjanijiet Baġitarji tal-Istati Membri taż-żona tal-euro u tas-sitwazzjoni u l-prospetti baġitarji taż-żona tal-euro – *dikjarazzjoni mill-Grupp tal-Euro*

**6 ta' Diċembru 2022: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2023 – *skambju ta' fehmiet*

  – Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023 u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

**8 ta' Diċembru 2022: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2023 - *dibattitu ta' orjentazzjoni*

– Stħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023, Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija, abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2023 u Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *preżentazzjoni mill-Kummissjoni*

**13 ta' Diċembru 2022: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Pjan Direzzjonali għas-Semestru Ewropew 2023 - *preżentazzjoni mill-Presidenza u l-Presidenza li jmiss*

**16 ta' Jannar 2023: Grupp tal-Euro**

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro

**17 ta' Jannar 2023: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Konklużjonijiet dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023 - *approvazzjoni*

– Konklużjonijiet dwar ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija 2023 - *approvazzjoni*

– Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2023 - *approvazzjoni*

**30 ta' Jannar 2023: Kunsill Agrikoltura u Sajd**

– Aspetti soċjali u dawk relatati mal-impjiegi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro 2023: - *approvazzjoni*

**21 ta' Frar 2023: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu - abbozz ta' aġenda annotata

**27-28 ta' Frar 2023, il-Parlament Ewropew: Ġimgħa Parlamentari tas-Semestru Ewropew tal-2023**

– Dibattitu bejn il-membri tal-kumitati rilevanti mill-Parlament Ewropew u l-parlamenti nazzjonali

**13 ta' Marzu 2023: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur (Politika Soċjali)**

– Semestru Ewropew 2023 – *skambju ta' fehmiet*

– Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2023 – *adozzjoni*

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli 2023 u Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi - *approvazzjoni*

**14 ta' Marzu 2023: Sessjoni plenarja tal-Parlament Ewropew**

– Dibattitu konġunt dwar is-Semestru Ewropew

**16 ta' Marzu 2023: Kunsill Ambjent**

– Ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew - *skambju ta' fehmiet*

**21 ta' Marzu 2023: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu:

  – Abbozz ta' konklużjonijiet

  – Rapport ta' sinteżi dwar il-kontributi tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2023: *skambju ta' fehmiet*

  – Pjan direzzjonali aġġornat tas-Semestru Ewropew 2023 - *preżentazzjoni mill-Presidenza*

  – Abbozz ta' Rakkomandazzjoni 2023 dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

**23-24 ta' Marzu 2023: Kunsill Ewropew**

– Skambju ta' fehmiet dwar is-sitwazzjoni ekonomika u tal-impjiegi tal-Istati Membri u gwida għall-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom għall-2023

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *approvazzjoni*

**IT-TIENI FAŻI**

**Tħejjija għall-Kunsill Ewropew ta' Ġunju**

**Qabel it-30 ta' April 2023**

– Wara l-gwida pprovduta mill-Kunsill Ewropew, l-Istati Membri jippreżentaw il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza 2023 u l-Programmi Nazzjonali ta' Riforma tagħhom

**16 ta' Mejju 2023: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro - *adozzjoni*

**24 ta' Mejju 2023: Pakkett tar-rebbiegħa**

– Il-Kummissjoni tippreżenta l-analiżi speċifika għall-pajjiżi (rapporti tal-pajjiżi), rakkomandazzjonijiet għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill li jagħtu Opinjonijiet dwar il-Programmi ta' Stabbiltà u Konverġenza għall-2023 (rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi) u, fejn japplika, analiżijiet fil-fond skont il-Proċedura ta' Żbilanċi Makroekonomiċi

– Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

– Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-proposta tagħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-Linji Gwida għall-Politiki tal-Istati Membri dwar l-Impjiegi

**L-aħħar ta' Mejju 2023**

– Immedjatament wara l-pubblikazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, ser jiġu kkonfermati arranġamenti relatati mad-diviżjoni tax-xogħol u mal-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn il-kumitati kif ukoll il-metodi għall-konsolidazzjoni tal-fehmiet tal-kumitati

**Bidu ta' Ġunju 2023**

– Il-ħidma preparatorja tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, il-Kumitat tal-Politika Ekonomika, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju - Supplenti, il-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fuq ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2023.

**12 ta' Ġunju 2023: Kunsill Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur**

– Semestru Ewropew 2023 – *skambju ta' fehmiet*

– Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-valutazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi għall-2023 (CSRs) u l-implimentazzjoni tas CSRs 2022 -*approvazzjoni*

– Semestru Ewropew 2023: aspetti soċjali u tal-impjieg tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi - *approvazzjoni*

**16 ta' Ġunju 2023: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2023: rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi - *approvazzjoni*

– (poss.) Implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir

**27 ta' Ġunju 2023: Kunsill Affarijiet Ġenerali**

– Tħejjija tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju - *abbozz ta' konklużjonijiet*

– Semestru Ewropew 2023: Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi - *approvazzjoni u trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew*

**29-30 ta' Ġunju 2023: Kunsill Ewropew**

– Konklużjonijiet tal-Kunsill

– Semestru Ewropew 2023: Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi - *approvazzjoni*

**14 ta' Lulju 2023: Kunsill Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji**

– Semestru Ewropew 2023: Rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi - *adozzjoni*

– Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-analiżijiet fil-fond tal-2023 skont il-Proċedura ta' Żbilanċ Makroekonomiku